# LECTIO DIVINA

# Magħmudija tal-Mulej

# (Sena Ċ)

## Lq 3, 15-16.21-22

### «Int Ibni l-Għażiż»

[Lq:3:15] I**l-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija.**

***«Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan»***: Kienu ilhom tliet mitt sena bla profeta u s-silenzju t'Alla kien meqjus bħala kastig għad-dnubiet tal-poplu. Il-poplu t'Iżrael kien qisu merħla *«nagħaġ bla ma ghandhom ragħaj»* (Mk 6,34). L-istennija kienet tikkonsisti f'ġest konkret: ħallew lil djarhom u l-impenji tagħhom u fetħu qalbhom għax-xandir tal-kelma. Għarfu li ma setgħux jittamaw f'dinja ġdida għalihom u jibqgħu magħluqa fl-egoiżmu u fl-abitudni marbuta mad-dnub. Anke Ġesù iħalli daru u l-impenji tiegħu biex imur fil-Ġordan.

***« u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija »*** : Il-poplu li għadu *«miexi fid-dlam»* (Is 9,1) ma setax jagħraf sew min kellu quddiemu. Gerfex *ix-xhud* mad-dawl (*ara* Ġw 1,7), *il-leħen* mal-Verb (*ara* Lq 3,4), *il-mibgħut* mal-Messija (*ara* Ġw 3,28), *il-ħabib tal-għarus* mal-għarus (*ara* Ġw 3,29), *il-musbieħ* mad-dawl (*ara* Ġw 5,35).

[Lq:3:16] **Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: 'Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.'**

***«Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni… hu jgħammidkom»:*** Żakkarija missier Ġwanni kien ħabbar dan fuqu: ***«****U int, tfajjel, tissejjaħ profeta tal-aktar Għoli, għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu u tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni permezz tal-maħfra ta' dnubiethom****»*** (1, 77-78).

Il-Magħmudija ta' Ġwanni kienet att ta' penitenza, att ta' disposizzjoni tal-bniedem lejn Alla biex jitlob il-maħfra ta' dnubietu u jkollu l-possibilita' li jibda ħajja ġdida. Din il-magħmudija kienet preparazzjoni u sinjal ta' rieda tajba min-naħa tal-poplu. Imma kienet biss ġest uman, xewqa umana. Il-bidla kienet isseħħ biss 'minn barra'. Kien hemm bżonn ta' Magħmudija oħra murija minn dak li hu ***«it-Triq, il-Verita' u l-Ħajja»*** ((Ġw 14,6), li hija l-Magħmudija tal-Ispirtu li kapaċi tmiss tassew il-qalb (*ara* Eżek 11,19).

[Lq:3:21] **Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll u, waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu,**

***«Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll»:***

Il-magħmudija ta' Ġesu f'Luqa hija mfissra b'dettalji li mhumiex misjuba fl-evanġelisti l-oħra. Huwa ma jiddeskrivix il-magħmudija ta' Ġesù, imma jitkellem minnha bħala fatt li diġà seħħ. Jgħid pjuttost dak li ġara wara.

Luqa biss isemmi li Ġesù daħal fl-ilma flimkien mal-*«poplu kollu»*. Sar ħaġa waħda mal-oħrajn. Diġà mill-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu Ġesù jidher qrib il-midimbin, hu li sar dnub għalina (*ara* 2 Kor 5,21 ; 1 Pt 2,22-24; Ġw 1, 29). Din kienet l-għażla tal-umiltà min-naħa ta' Ġesù, li, fl-ubbidjenza lejn il-Missier qed jitwaħħad ma' dawk kollha li qed iħossu il-bżonn tal-ħniena t'Alla u li qed jittallbu l-grazzja li jduru lejH b'qalbhom kollha. Mal-"poplu kollu" huwa għażel li jirċievi magħmudija ta' penitenza u ta' konvenżjoni. B'hekk qed juri kemm Alla huwa qrib il-midneb għax huwa ġie biex *"jerfa' fuqu d-dnub tad-dinja"* (*ara* Ġw 1,29) u jdewwi u ifejjaq il-feriti ta' dak li kien *"nofsu mejjet"* (Lq 10,30). Fil-profezija ta' Isaija; *«Hawn hu Sidi il-Mulej, li ġej bil-qawwa, u jaħkem bil-qawwa ta' driegħu»* (Is 40,10) Ġesù qed jersaq qrib il-midneb bil-qawwa tal-imħabba tiegħu u 'l quddiem, permezz ta' driegħu, li huwa d-driegħ msammar mas-salib, kellu jaħkem u jeqred id-dnub.

***« waqt li kien qiegħed jitlob»:*** Luqa biss isemmi lil Ġesù fit-talb. Jinżel fuqu l-Ispirtu waqt li kien qed jitlob. Hija l-ewwel darba li Ġesù jidher fi djalogu mal-Missier fit-talb.

Huwa li *«kien bħalna f'kollox minbarra d-dnub»* (Lhud 4,15) u li *«baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja…»* (Lq 2,52), kellu bżonn jitlob biex jirċievi d-dawl u l-qawwa ħalli jwettaq ir-Rieda tal-Missier: jitlob qabel ma jagħżel lill-appostli (ara 6,12); qabel it-trasfigurazzjoni (*ara* 9,28-29); qabel il-Passjoni (*ara* 22,41); fil-mument tal-prova tas-salib (*ara* 12,34.46) u qabel ma ħarġet ruħu (*ara* 23,46).

[Lq:3:22] **is-smewwiet infetħuu niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema. U mis-sema ġie leħen jgħid: "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."**

Tliet immaġini: is-swewwiet jinfetħu, il-ħamiema, il-leħen mis-sema.

***«is-smewwiet infetħu»:*** Fis-sekli ta' qabel il-miġja tal-Messija l-poplu t'Iżrael kellu s-sensazzjoni li s-smewwiet huma magħluqa minħabba l-infedeltajiet tal-poplu. Dawk fidili għal Jahweh kienu jitolbuh: *«Madankollu, Mulej, int missierna; aħna t-tafal, u inti l-fuħħari; aħna lkoll għemil idejk. La tinkurlax iżżejjed, Mulej; la tiftakarx fil-ħażen tagħna għal dejjem. Ara, ħares, aħna lkoll il-poplu tiegħek »* (Is 64, 7-8). Ix-xewqa tal-profeta: *«M'hux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel minn hemm»* (Is 63,19) instemgħet, u Alla fetaħ is-smewwiet għal kull min irid jidħol. Fil-persuna ta' Ġesù, id-Divin u l-uman (fil-miżerja tad-dnub) ngħaqdu flimkien.

***« deher fuqu fis-sura ta' ħamiema» :*** Il-Battista jaf tajjeb li mis-sema ma niżlitx biss il-manna, imma anke l-ilma tad-dilluvju (*ara* Ġen 7,12) u wkoll ix-xita ta' nar u kubrit li ħarqu lil Sodoma u lil Gomorra (*ara* Ġen 19,24). Probabilment huwa qed jistenna l-miġja tal-Ispirtu s-Santu bħala 'nar' li jeqred lill-ħżiena. Għall-kuntrarju l-Ispirtu s-Santu niżel bħala 'ħamiema'. U Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu jersaq lejn il-midimbin bil-ħlewwa u t-tjubija tal-ħamiema.

***«U mis-sema ġie leħen»:*** Kienet espressjoni spiss użata mir-rabbini meta riedu juri xi ħaġa li hija marbuta m'Alla. Hawn qed nisimgħu presentazzjoni pubblikata dwar min huwa tassew Ġesù.

***«Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi.»:*** Sentenza li tirreferi għal tliet testi tat-Testment il-Qadim:

***«int ibni» :*** Hija meħuda mis-Salm 2,7. Fil-kultura semitika t-terminu 'iben' ma jindikax biss il-ġenerazzjoni bijoloġika, imma jfisser ukoll li l-persuna ġġib ruħha bħal missierha: *«Min jara lili jara lill-Missier»* (Ġw 14,9). U l-Missier huwa ħanin : *«Ħennu bħalma hu ħanin Missierkom li hu fis-smewwiet»* (Lq 6,36). <u>L-għażla ta' Ġesù kienet il-ħniena</u>.

***«l-għażiż» :*** Hija meħuda mir-rakkont ta' Abraham li l-imħabba tiegħu lejn Alla twasslu joffrilu lil ibnu Iżakk (*ara* Ġen 22,2.12.16). <u>L-għażla ta' Ġesù kienet li joffri ħajtu fl-ubbidjenza</u>.

***«fik sibt l-għaxqa tiegħi»:*** Alla juri li Ġesù hu 'il-qaddej' mibgħut : *«Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet! »* (Is 42,1). Dan hu l-iben il-maħbub bħal

Ġużeppi, il-werriet ta' wirt li kisbu b'demmu stess. L-għażla ta' Ġesù kienet li jkun hu dak il-qaddej sofferenti mħabbar minn Isaija.

Filwaqt li l-anġli ħabbru l-miġja tas-Salvatur u l-kewkba 'ħabbret' din l-istess miġja, issa hija l-Kelma tal-Missier li qed turi lil Gesu': il-Messija-Salvatur.

## GĦAR-RIFLESSJONI PERSONALI

1. Għal San Luqa hija iktar importanti l-esperjenza tat-talba ta' Ġesu milli l-Magħmudija. Mill-mument tat-talb ta' Ġesù joħroġ li :

- It-talb hija esperjenza ta' komunjoni m'Alla l-Missier.
- Il-ftuħ tas-smewwiet u l-inżul tal-Ispirtu s-Santu juru l-għaqda tas-sema u l-art ;
- It-talba tan-nisranija hija esperjenza ta' Alla Trinita : Hija relazzjoni m'Alla f'Ġesù Kristu u permezz tal-Ispirtu s-Santu.
- Ġesù jagħraf lil Alla bħala Missier permezz tas-smigħ tal-Kelma.
- Għall-kelma « inti ibni » Ġesù kien iwieġeb : « Int misseri » (Salm 89,27)
- It-talb huwa dejjem post ta' dixxerniment għall-vokazzjoni u l-missjoni : Ġesù jagħraf fiex kienet tikkonsisti s-sejħa tiegħu (ara Salm 2 ; Ġen 22 ; Is 42).
- It-talb għal Ġesu twasslu jagħraf l-Imħabba tal-Missier : « Int Ibni l-għażiż ».

2. Fid-dawl tas-self-evaluation u t-talb personali x'ser ikun l-istil tal-vokazzjoni saċerdotali tiegħi ? Nista' nsemmi 5 punti li nemmen li l-Mulej qed jitlob minni fir-rigward ta' dan l-'istil'.

3. Fil-programm tas-seminarju : talb, studju, pastorali, impenji oħra…. liema sitwazzjonijiet huma tassew għażla, li rridhom, mhux aktar « paċenzja xi trid tagħmel » ?

4. Ġesù seta' jagħżel it-triq tal-assistenza soċjali u tal-popolarità, jagħmel dak li jridu n-nies : *« agħmel li dan il-ġebel isir ħobż »*. Jista' jagħżel it-triq tal-ispettaklu u tal-attrazzjoni : *« inxteħet minn fuq il-quċċata tat-tempju għal isfel, għax l-anġli jieħdu ħsiebek »*. Jista' jajgħżel it-triq tal-kompromessi : *« nagħtik is-saltniet kollha tad-dinja jekk tinxteħet tadurani »* (*ara* Mt 4,1-11). Hemm xi għażla partikolari li llum il-Mulej permezz tat-talb qiegħed jitlob minni ?

5. Nemmen bħal Ġwanni li 'warajja', wara kull ħidma, hemm xi ħadd « aqwa minni » hekk li l-egoizmu u s-*self-pride* kontinwament jixxejnu ?